MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Numru. 68/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Emanuel Cini**
**Shaun-Pierre Cassar**
**Christian Sultana**
**Jason Cassar**
**Daniel Agius**
**Josmike Sultana**
**Omissis**

Numru: 68/2012

Illum 21 ta’ Jannar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Emanuel Cini**, ta' tletin (30) sena, iben Anthony u Rita neé Azzopardi, imwieled Rabat, Ghawdex , nhar l-14 ta' Awwissu 1982, residenti Sunshine, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 27382(G),

**Shaun-Pierre Cassar**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben Emanuel u Josephine neé Tabone, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-8 ta' Jannar 1997, u residenti 'Paradise', Triq Santa Lucia, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 5687(G),

**Christian Sultana**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Anthony u Carmen neé Galea, imwieled Rabat Ghawdex, nhar is-26 ta' Ottubru 1989, u residenti St. Mary, Flat 1, Triq Santa Lucia, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Idenita' bin-numru 43289(G),

**Jason Cassar**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Raymond u Josephine neé Cauchi, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-8 ta' Ottubru 1989 u residenti Ray Jos, Triq Qasam San Gorg, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 42189(G),

**Daniel Agius**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Francis u Lucy neé Cassar, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-22 ta' April 1991 u residenti Shalom, Triq Santa Lucia, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 16591(G),

**Josmike Sultana**, ta' dsatax (19) il-sena, iben Anthony u Carmen neé Galea, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-27 ta' Awwissu 1992 u residenti Golden Eagle, Triq Santa Lucija, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32592G,

u

**OMISSIS**

akkuzati talli fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awwissu 2012 gewwa l-Kazin Aurora li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Rabat Ghawdex, kif ukoll fi Triq ir-Repubblika gewwa r-Rabat, Ghawdex f'hinjiet differenti:

1. ikkagunaw griehi ta'natura gravi fuq il-persun ta' Geordie Muscat (ID No. 30794G**);**

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Anthony Sultana (ID No.103305L), Marvic Galea (ID No. 24294G), Mark Xiberras (ID No. 33594G) u Christian Bugeja (ID No. 29694G);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Anthony Sultana (ID No. 103305L), Marvic Galea (ID No. 24294G), Mark Xiberras (ID No. 33594G) u Christian Bugeja (ID No. 29694G) u Geordie Muscat (ID No. 30794G);

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebbew ghal persuni ta' Anthony Sultana (ID No. 103305L), Marvic Galea (ID No. 24294G), Mark Xiberras (ID No. 33594G), Christian Bugeja (ID No. 29694G) u Geordie Muscat (ID No. 30794G);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurjaw u/jew heddew lil persuni ta' Anthony Sultana (ID No. 103305L), Marvic Galea (ID No. 24294G), Mark Xiberras (ID No. 33594G), Christian Bugeja (ID No. 29694G) u Geordie Muscat (ID No. 30794G);

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kisru il-bon-ordni u/jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti, f'kaz ta' htija, giet ukoll mitluba illi barra milli tapplika l-piena rikjesta bil-ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 253) datata 14 ta' Ottubru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 216(1)(a) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 338(dd), 339(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 383, 384 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 255), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Ottubru 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz tieghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Semghet ukoll lill-kwerelanti jiddikjaraw ghal diversi drabi, fosthom fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 144), li kienu qed jaghzlu li ma jixhdux fil-konfront tal-imputati u li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u anqas ressqu ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputati mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mis-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, tiddikjara l-procediment ezawriet, *stante* rinunzja, fir-rigward tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet.

Finalment, in segwitu ta' dak dikjarat mill-kwerelanti, fejn irrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------